TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 30/2026**

Data: It-Tnejn, 20 ta' Lulju 2026

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:45

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**30.1 Ittri ta' apoloġija**

30.1.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sa. Nicole Farrugia talbet sabiex tkun skużata mil-laqgħa.

Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament li titniżżel skużata.

**30.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 29**

30.2.1 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Dasier Damato, il-Minuti tal-Laqgħa Nu 29 ġew approvati kif imresqa.

**30.3 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti Nu 25**

30.3.1 Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Darlene Vella u s-Sur Neil Portelli, ġiet approvata skeda tal-pagamenti għall-perjodu bejn is-17 ta' Ġunju 2026 u l-20 ta' Lulju 2026, li kienet tammonta għal €81,308.43.

**30.4 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjaru għat-Tieni Kwart tas-Sena 2026**

30.4.1 Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Dasier Damato, ġie approvat ir-Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-sena 2026.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li kienet għadha qed tistenna mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex jiġi pprovdut it-template aġġornat li jikkorrispondi mal-format tar-Rapport Finanzjarju skont iċ-Chart of Accounts il-ġdida. Dan huwa meħtieġ sabiex l-estimi finanzjarji għas-sena 2026 ikunu jistgħu jerġgħu jinħadmu u jiġu allinjati mal-linji l-ġodda tal-kontijiet.

Hija spjegat li, sal-ġurnata tal-laqgħa, dan it-template kien għadu ma wasalx għand il-Kunsill. Għaldaqstant, il-kolonna tal-Budget fir-Rapport Finanzjarju ppreżentat tħalliet vojta, peress li l-Budget oriġinali mħejji fil-bidu tas-sena ma kienx jikkorrispondi mal-linji u l-klassifikazzjonijiet il-ġodda ntrodotti fir-Rapport Finanzjarju taħt iċ-Chart of Accounts il-ġdida.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li, hekk kif jiġi pprovdut it-template meħtieġ mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, tkun tista' ssir ir-reviżjoni u l-allinjament tal-estimi għas-sena 2026 skont il-format il-ġdid.

**30.5 Punti li joħorġu mill-Minuti**

30.5.1 Is-Sindku fakkar li kollox jinsab imħejji għall-inawgurazzjoni tal-monument ta' Renzo Gauci, li ser issir nhar it-3 ta' Awwissu 2026.

Huwa spjega li saru l-arranġamenti meħtieġa mal-baned rispettivi u li kien ser jiġi ffirmat Memorandum of Understanding (MoU) sabiex ikopri l-ispejjeż marbuta mal-parteċipazzjoni tagħhom f'din l-attività organizzata mill-Kunsill. Kull waħda miż-żewġ baned ser tingħata s-somma ta' €1,000 għas-servizz tagħha, li jinkludi wkoll il-parteċipazzjoni marbuta mal-ħruġ tal-vari matul din l-attività.

TARXIEN
Local Council

Is-Sindku semma wkoll il-ħtieġa li jinkera generator għall-attività, peress li s-sistema eżistenti tad-dawl fil-ġnien ma tiflaħx għat-tagħbija addizzjonali meħtieġa sabiex jitqabbdu magħha s-sistema tal-PA u dawl ieħor meħtieġ għall-organizzazzjoni tal-avveniment. Għaldaqstant, il-generator ser ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat li jkun hemm provvista adegwata u sigura tal-elettriku matul l-attività.

Is-Sindku kompla jgħid li fit-7:45 p.m. kulħadd huwa mistieden jiltaqa' ġewwa Ġnien Kunsill Lokali 2000, fejn, fil-preżenza tal-Onor. Byron Camilleri, Ministru responsabbli mill-Aġenzija Komunità Malta, ser issir l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-monument ta' Renzo Gauci.

30.5.2 Is-Sindku semma li fir-rigward ta' Ġnien Bulebel, kienu tlestew il-pjanti preliminari ta' kif huwa propost li jiġi żviluppat u organizzat il-ġnien. Huwa nforma lill-Kunsill li l-Perit kien ser ikompli bil-ħidma meħtieġa sabiex jiffinalizza d-disinn tal-proġett. **Dok A** anness

30.5.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-funtana ġewwa Ġnien Ovindoli, kien ser jinbeda x-xogħol meħtieġ fuqha sabiex din tiġi rranġata u terġa' titħaddem kif suppost.

30.5.4 Is-Sindku semma li x-xogħolijiet li kienu għaddejjin fuq il-lattrina pubblika kienu qed jipproċedu skont kif ippjanat.

30.5.5 Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Dasier Damato għall-ħidma tiegħu b'rabta mas-sessjonijiet taz-Zumba, li kienu għaddejjin tajjeb u kienu qed jintlaqgħu b'mod pożittiv.

Ġie maqbul li matul il-ħmistax tal-festi ta' Santa Marija ma jsirux sessjonijiet taz-Zumba, u dawn jerġgħu jibdew wara li jintemm il-perjodu tal-festi.

30.5.6 Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier responsabbli għall-attività taċ-Ċinema fil-Miftuħ li saret ġewwa Ġnien Veliko Turnovo, li kienet waħda ta' suċċess u attenduta minn numru sabiħ ta' residenti.

Huwa semma li diversi residenti esprimew ix-xewqa li attività simili terġa' tiġi organizzata fil-futur. Madankollu, spjega li l-Kunsill irid jevalwa d-disponibbiltà tal-fondi meħtieġa, peress li attività ta' dan it-tip trid tiġi trattata bħala attività formali, bil-ħtiġijiet kollha relatati magħha, inkluż it-tħejjija ta' risk assessment, il-kopertura permezz ta' polza tal-assigurazzjoni adegwata, kif ukoll il-provediment ta' servizz ta' First Aid matul l-attività.

TARXIEN
Local Council

30.5.7 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera responsabbli sabiex jikkonkludu d-diskussjonijiet u l-evalwazzjoni tagħhom dwar il-possibbiltà li tiġi organizzata Festa tat-Tfal, u sabiex iressqu l-proposti tagħhom ħalli l-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni dwar l-organizzazzjoni ta' din l-attività.

30.5.8 Is-Sindku informa lill-Kunsill li Infrastructure Malta kienet innotifikat lill-Kunsill li kienu nbdew ix-xogħolijiet fi Triq il-Kurunell Mas.

30.5.9 Is-Sindku semma li, issa li kienu għaddew il-festi tar-raħal, kien ser jitkompla x-xogħol fil-Pjazza, skont il-pjanijiet u l-arranġamenti li kienu saru.

30.5.10 Is-Sindku semma li, wara diversi kummenti li dehru fuq il-midja soċjali fir-rigward tal-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien Mark Farrugia, li kien ser jitwettaq minn Project Green, huwa ħass li kien opportun li tingħata aktar informazzjoni u ċarezza lill-pubbliku dwar ix-xogħolijiet proposti.

Huwa fakkar li dawn ix-xogħolijiet u l-pjanti relatati mal-proġett kienu diġà ġew ippreżentati u approvati mill-Kunsill. Għaldaqstant, ġie maqbul li l-pjanta tal-proġett tiġi annessa mal-minuti tal-laqgħa għall-informazzjoni u l-attenzjoni tal-pubbliku.

30.5.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-iskema ta' Transport Malta kienet ġiet approvata u li, bħala parti mill-implimentazzjoni tagħha, kien ser jinbeda l-proċess sabiex jinxtraw il-qsari dekorattivi taċ-ċeramika previsti fil-proġett.

30.5.12 Is-Sindku semma li kienu ser jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa sabiex jinbidlu r-ritratti li jinsabu mal-ħajt tal-kantuniera quddiem id-Dar tal-Anzjani.

30.5.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mar-rappreżentanti ta' Tarxien Rainbows, li għaliha kienu preżenti wkoll il-Kunsillier Glenn Urry u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Il-minuti ta' din il-laqgħa ġew annessi mal-minuti tal-Kunsill bħala Dok. B.

Il-Kunsill iddiskuta l-użu tal-ground minn Tarxien Rainbows u approva li l-ħinijiet ta' użu għandhom ikunu skont dak stipulat fil-Memorandum of Understanding oriġinarjament maqbul bejn il-Kunsill u Tarxien Rainbows.

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

Il-Kunsill saħaq li l-ground sar sabiex ikun jista' jitgawda mir-residenti kollha u mill-komunità inġenerali, u għaldaqstant m'għandux ikun riservat jew użat esklussivament min-Nursery. Għalhekk, għandu jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn l-użu mill-Nursery u d-disponibbiltà tal-faċilità għall-użu tar-residenti, skont il-kundizzjonijiet tal-MoU.

30.5.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mal-Cat Feeders, flimkien mal-Kunsilliera responsabbli, is-Sa Nicole Farrugia, u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Il-minuti ta' din il-laqgħa ġew annessi mad-dokumenti tal-laqgħa u mmarkati bħala **Dok. Ċ.**

Is-Sindku semma wkoll li l-Kunsill kien daħħal ir-rapporti meħtieġa dwar il-każijiet u l-kwistjonijiet li tqajmu, inkluż rapporti li saru mal-Pulizija tal-Komunità, sabiex ikun hemm segwitu fejn meħtieġ.

30.5.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet infetħet skema SPI mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Huwa semma li l-Kunsill kien ser iressaq Misraħ ir-Raħeb taħt din l-iskema, bil-għan li jinkiseb finanzjament sabiex isiru x-xogħolijiet meħtieġa għar-rinovazzjoni u t-titjib ta' dan l-ispazju.

30.5.16 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħolijiet relatati mas-central strip li tinsab quddiem il-binja tal-Kunsill Lokali kienu ser jitwettqu minn Infrastructure Malta.

30.5.17 B'referenza għall-minuti tal-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, is-Sur Dasier Damato talab aktar informazzjoni dwar ir-raġuni għaliex waħda mill-impjegati tal-Kunsill kienet waqfet milli tattendi kors ta' taħriġ li jwassal għal kwalifika MQF Level 3, liema kwalifika kienet tkun tista' tgħinha fil-progressjoni tagħha fi ħdan il-Kunsill.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-informazzjoni u l-ispjegazzjoni dwar din il-materja kienu diġà ngħataw u ġew irreġistrati fil-minuti tal-laqgħa preċedenti. Madankollu, hija nformat lill-Kunsilliera li, jekk xtaqu jiddiskutu l-każ f'aktar dettall, kien importanti li tinżamm il-kunfidenzjalità tas-sitwazzjoni, minħabba li l-materja kienet tirrigwarda mpjegata tal-Kunsill.

Għaldaqstant, il-Kunsilliera ddeċidew u qablu li l-Kunsill jgħaddi fi stadju ta' Kumitat sabiex il-materja tkun tista' tiġi diskussa b'mod kunfidenzjali. Il-Kunsill għadda fi stadju ta' Kumitat fis-18:00.

Il-laqgħa kompliet fis-18:10.

TARXIEN
Local Council

**30.6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

30.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet ġiet riċevuta ittra mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward ta' Palazzo Abela.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li, fid-dawl tal-kontenut ta' din l-ittra, kien ser jintalab parir legali sabiex il-Kunsill ikun jista' jiċċara l-pożizzjoni tiegħu, partikolarment fir-rigward ta' permessi maħruġa mill-Kunsill għall-attivitajiet li jsiru fil-binja msemmija.

Hija semmiet ukoll li kien importanti li jiġu ċċarati l-implikazzjonijiet li jista' jkun hemm fuq attivitajiet diġà ppjanati mill-Kunsill Lokali u mir-Reġjun Port fl-istess binja.

30.6.2 Is-Sindku semma li, fir-rigward ta' Triq Ġorġ Caruana u Triq il-Fuħħar, kienet tressqet petizzjoni mir-residenti sabiex dawn it-toroq jiġu kkunsidrati biex isiru one-way. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u l-implikazzjonijiet tagħha fuq it-traffiku fiż-żona.

Ġiet diskussa wkoll Triq iż-Żejtun, fejn issemma li għandha ssir double yellow line sabiex jiġi ndirizzat aħjar l-aċċess f'din it-triq.

30.6.3 Is-Sindku fakkar ukoll fil-ħtieġa li jiġi rivedut u mtejjeb it-traffic management fi Triq Ġużeppi Montebello, bil-għan li jkun hemm organizzazzjoni aħjar tal-fluss tat-traffiku u jiġu ndirizzati l-problemi eżistenti f'din it-triq.

30.6.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet tressqet nominazzjoni għall-Premju Nazzareno Vassallo, fejn il-Kunsill innomina waħda mill-impjegati tiegħu flimkien mat-tim ta' helpers anzjani li jagħtu s-sehem tagħhom fl-inizjattivi marbuta mal-Anzjanità Attiva.

30.6.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li, wara laqgħa li saret ma' Infrastructure Malta, li għaliha attendew ukoll il-Kunsillier Neil Portelli u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, ġew identifikati u stabbiliti l-ewwel żewġ prijoritajiet fir-rigward ta' xogħolijiet infrastrutturali fil-lokalità.

L-ewwel prijorità kienet it-triq parallela ma' Triq il-Barrani, li sservi bħala service road u tinsab ftit aktar 'l isfel mill-pompa tal-petrol. It-tieni prijorità kienet ix-xogħolijiet meħtieġa fl-isqaqien fi Triq Santa Marija li għadhom ma tlestewx.

Dawn iż-żewġ interventi ġew identifikati bħala l-ewwel prijoritajiet li għandhom jiġu segwiti ma' Infrastructure Malta.

**30.7 Aġġornament**

30.7.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata fis-seba' ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 31 t' Awwissu 2026 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**





Notes:

W.S.F. - Weathered Stone Finish
T.A. - Timber Aperture
A.A. - Aluminium Aperture
M.A. - Metal Aperture
P.V.C. - PVC Aperture
W.I.R. - Wrought Iron Railings
A.R. - Aluminium Railing
F.I.F. - Fuq (I-F) Finish
P.P.F. - Plastered Paint Finish
P.V.C.S. - PVC Sign
G.S.R.S. - Galvanized Steel Roller Shutter

- All party walls unless shown differently on drawing to consist of hollow concrete blockwork and white plastered paint finish
- All roof structures unless shown differently on drawing to consist of hollow concrete blockwork and plastered paint finish on all facades
- Back facade unless shown differently on drawing to consist of hollow concrete blockwork and and white plastered paint finish.
- All apertures (including external) unless shown differently on drawing to consist of Aluminium or PVC apertures
- All Dimensions are not to be scaled from drawing, any dimensions are to be requested to and provided by (X.Y.Z) Architecture & Design

- This drawing is the copyright of (X.Y.Z) Architecture & Design. Unauthorized re-use or copying in whole or part is prohibited

Revisions

ARCHITECTURE & DESIGN

| | |
|---|---|
| Client | [illegible] LOCAL COUNCIL |
| Project | REGENERATION OF PLAYGROUND AT [illegible] |
| Location | TRIQ BULEBEL c/w TRIQ ANGLU MANGION c/w TRIQ G. FALZON c/w TRIQ [illegible] |
| | DRAFT PROPOSAL 01 |
| Scale | 1:[illegible] |
| | XYZ \| [2030]a |
| Drawing | 01,001 00 |
| For CLIENT | |

Dok B

TARXIEN
Local Council

**Meeting Minutes**

**Meeting with Tarxien Rainbows Football Club**

**Date:** Monday, 13th July 2026
**Time:** 6:00 p.m.
**Venue:** 76, Triq Santa Marija, Tarxien

**Present**

- **Glenn Urry** – Councillor responsible for Sports
- **Lianne Cassar** – Deputy Executive Secretary
- **James Fenech** – Representative of Tarxien Rainbows F.C.

**Agenda**

To discuss the current use of the Council sports grounds by Tarxien Rainbows F.C., consider a proposed revision to the training schedule, and discuss other requests submitted by the Club.

**Matters Discussed**

**1. Current Training Schedule**

The Council informed that the MoU stipulates the current available schedule for Tarxien Rainbows:

| Day | Time |
|---|---|
| Wednesday | 4:00 p.m. – 7:00 p.m. |
| Saturday | 9:00 a.m. – 12:00 p.m. |
| Sunday | 9:00 a.m. – 12:00 p.m. |

**2. Proposed Training Schedule**

Tarxien Rainbows F.C. requested that the current allocation be revised to the following schedule:



JA

TARXIEN
Local Council

| Current Schedule | Proposed Schedule |
|---|---|
| **Wednesday** – 4:00 p.m. – 7:00 p.m. | **Monday** – 4:30 p.m. – 6:00 p.m. |
| **Saturday** – 9:00 a.m. – 12:00 p.m. | **Wednesday** – 4:30 p.m. – 6:00 p.m. |
| **Sunday** – 9:00 a.m. – 12:00 p.m. | **Friday** – 4:30 p.m. – 6:00 p.m. |

The Club explained that the proposed schedule would provide greater flexibility for its training programme and facilitate the organisation of youth training sessions.

The Deputy Executive Secretary and the Councillor responsible for Sports reminded those present that the primary purpose of the refurbishment of the Council football pitch was to provide **an accessible and free recreational space for children and young people from Tarxien,** allowing them to use the facility without necessarily having to enrol in structured training programmes or be bound by the fixed schedules of sports clubs. It was emphasised that preserving this flexibility remains a key objective of the Local Council and will be a determining factor when considering any requests for the allocation of the facility.

It was agreed that the Councillor responsible for Sports would present the Club's request and the discussions held during this meeting at the next meeting of the Local Council, where a final decision on the proposed training schedule will be taken.

### 3. Request for the Purchase of Laptops

Tarxien Rainbows F.C. requested whether the Council could purchase **two laptop computers** for use by the Club.

During the meeting, the Deputy Executive Secretary clarified that the Local Council is **not legally permitted to purchase assets or donate equipment to third parties.** Following this clarification, the representative of Tarxien Rainbows F.C. immediately withdrew the request, and no further action was required.

TARXIEN
Local Council

**Decisions and Action Points**

| Action | Responsible |
|---|---|
| Review the request to amend the current training schedule and assess the availability of the sports facilities. | Councillor responsible for Sports |
| Communicate the Council's decision regarding the proposed training schedule to Tarxien Rainbows F.C. | Deputy Executive Secretary – drafting addendum |
| Continue liaising with Tarxien Rainbows F.C. regarding the use of the Council sports facilities. | Councillor responsible for Sports |
| **Noted for the record:** The request for the purchase of two laptops was withdrawn after it was clarified that the Local Council cannot purchase or donate assets to third parties. | Noted |

Doc C

TARXIEN
Local Council

**Meeting Minutes**

**Meeting with Cat Feeders**

**Date:** Monday, 13th July 2026
**Time:** 6:00 p.m.
**Venue:** 97, Triq Santa Marija, Tarxien

**Present**

- **Nicole Farrugia** – Councillor responsible for Animal Welfare
- **Lianne Cassar** – Deputy Executive Secretary
- **Representatives of the Cat Feeders**

**Agenda**

To discuss concerns raised by cat feeders regarding the welfare and protection of stray cats within the locality and to identify possible actions by the Council.

**Matters Discussed**

**1. Dogs Roaming Freely and Attacking Cats**

Cat feeders expressed serious concern regarding dogs that are allegedly being left to roam freely in public areas, particularly around **Triq il-Kavallerija**. They reported that these dogs are hunting and killing stray cats, with most incidents occurring at approximately **2:00 a.m.**

It was further reported that the dogs are believed to belong to a nearby cow farm and horse stables. The Council acknowledged the seriousness of the allegations and agreed that the matter requires immediate attention in the interest of both animal welfare and public safety.

**2. Referral to the Community Police**

The Council informed those present that the matter would be formally referred to the **Community Police**, requesting an investigation and any enforcement action deemed necessary. The Council stressed the importance of addressing the issue promptly before it escalates further.

**3. CCTV Monitoring**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

The meeting discussed the need to verify whether the CCTV cameras located in **Triq il-Vigorelli** and **Triq il-Ħaġar** are operational and recording. Any available footage may assist the investigating authorities in identifying those responsible.

### 4. Cat Crossing Signs

The cat feeders requested the installation of **"Cat Crossing"** signs in the vicinity of:

- Ġnien Mark Farrugia.
- Ġnien Penza.

The Council agreed to assess the feasibility of installing the requested signage.

### 5. Educational Campaign

The participants discussed the need to increase public awareness on:

- Responsible pet ownership.
- The importance of keeping dogs under control at all times.
- Respect for animal welfare and managed cat colonies.

The Council agreed to explore the possibility of organising an educational campaign in collaboration with the relevant authorities and stakeholders.

### 6. Participation in Local Council Events and Collaboration with the Active Ageing Centre

The cat feeders expressed their interest in participating in Local Council events through the organisation of **bazaar and fundraising sales**. Such initiatives would help raise funds to support the care and welfare of the managed cat colonies while also promoting greater public awareness of their work within the community.

The meeting also discussed the possibility of establishing a collaboration with the **Active Ageing Centre in Tarxien**. The proposed collaboration would seek to encourage community participation, volunteering and intergenerational engagement through activities related to animal welfare and responsible pet ownership.

The Council welcomed the proposal and agreed to explore opportunities for involving the cat feeders in future Council events and to liaise with the Active Ageing Centre to identify suitable joint initiatives.

**TARXIEN**
Local Council

**Decisions and Action Points**

| Action | Responsible |
|---|---|
| Report the issue of roaming dogs to the Community Police for immediate investigation and enforcement. | Deputy Executive Secretary |
| Request LESA to verify that the CCTV cameras in Triq il-Vigorelli and Triq il-Ħaġar are operational and recording. | Deputy Executive Secretary |
| Assess the feasibility of installing "Cat Crossing" signs near Ġnien Mark Farrugia and Ġnien Penza. | Council |
| Explore the possibility of launching an educational campaign on responsible pet ownership and animal welfare. | Council |
| Explore opportunities for the participation of the cat feeders in future Local Council events through fundraising bazaars. | Cat Feeders & Councillor responsible for Animal Welfare |
| Liaise with the Active Ageing Centre in Tarxien to identify collaborative community initiatives related to animal welfare. | Cat Feeders & Councillor responsible for Animal Welfare |
| Maintain regular communication with the cat feeders and monitor developments. | Councillor responsible for Animal Welfare |